L-Imnara No. 16

# XI TIFKIRIET TA' TFULITI MADWAR SAN FILIPPU TA' L-ISLA

Ġużi Buontempo

Aħna konna noqgħodu L-Isla viċin il-kunvent tal-knisja ta' San Filippu, u kont midħla sew ta' dan il-kunvent. Ta' seba snin għamilt l-ewwel tqarbina mgħallem minn Dun Angelo Raggio (Dun Anġ Raġġi) li kien il-prepostu li kien jgħallimna d-duttrina fl-oratorju ta' l-istess knisja. Wara bqajt immur id-duttrina u kont wieħed mill-magħżulin (mill-bravi!) Dun Anġ kien iqaddes tal-ħamsa ta' filgħodu u kien idum ħafna, kważi siegħa. Dak iż-żmien il-quddies kien bil-Latin; meta jispiċċa il-qassis kien jinżel it-tliet tarġiet ta' l-altar u jgħid tliet Avemarijiet u Salve Reġina.

Fil-Ħdud kien jiġbor lilna t-tfal fil-kunvent tal-knisja quddiem iċ-ċella tiegħu, jagħmlilna t-tombla u ġie li kien joħroġna xi dawra ukoll, bħal meta darba morna passiġġata u dħalna l-kunvent tal-patrijiet tal-Marsa fejn kellu xi patri ħabib tiegħu li ried imur iżur. Meta darba ħadt riħ kont inħnaqt, u bqajt hekk għal xi żmien ukoll meta għaddieli. Iżda meta rġajt lura ma sħabi, Dun Anġ riedni bilfors inkanta "O Santa Vergine prega per noi..." ukoll jekk għedtlu li ma stajtx...tistgħu taħsbu b'dak il-leħen ta' żiemel fgat x'ħareġ, u minbarra sħabi, Dun Anġ daħaq aktar milli qatt niftakru jidħaq... Iċ-ċella ta' Dun Anġ kellha sodda, kredenza b'erba' kxaxen li f'wieħed minnhom kien iżomm il-libsa li kien juża meta jakkumpanja fil-proċessjoni ta' Korpus li kienet toħroġ mill-parroċċa ta' Marija Bambina. Kellu wkoll kwadru tal-Madonna tal-Qalb ta' Ġesu'.

Darba kont qed nisma' l-quddies f'San Filippu u tqarbint; u wiħed tifel ġie qalli li jekk irrid nitqarben darbtejn immur fis-sagristija, nixrob ftit ilma, u nerġa' nitqarben...Din il-ħaġa għamiltha xi darbtejn oħra, sakemm xi raġel induna u qlajt ċamata. Dejjem induru fil-knisja u l-kunvent ta' San Filippu. Fil-knisja għadni niftakar li kemm il-darba kienet tiġi tpoġġi quddiemi xi mara bl-għonnella qisha qluħ, u ma nkun nista' nara xejn.

Dun Anġ kien jagħmel minn kollox; kien jgħallem id-duttrina, iqarben u jqarar ħafna. Kont inqisu bħas San Filippu, dejjem idur bit-tfal. Aħna konna nippretenduha ta' Filippini, u kemm il-darba xtaqna li nkunu parroċċa għalina (ta' tfal li konna) biex nippikaw ma tal-Bambina!

Dawk iż-żminijiet ta' tfuliti, bħal bosta tfal oħra, kelli knisja tal-logħob fid-dar, aktar qisha niċċa, armata b'kollox, bil-fjuretti, terħa ħamra, appostli u gandlieri kbar għal festa u żgħar għal kuljum; dan minbarra ventaltari għal kull festa u damask aħmar, u tapit għal quddiem l-altar maġġur...Kif ġie għandi dan it-tapit? Kont mort il-knisja sibt lil Ġużeppi s-sagristan, u għedtlu li kelli bżonn nagħmel tapit għal quddiem l-altar tiegħi. Hu qalli li jaqtagħli biċċa minn tapit li kellu li jitrembel, iżda riedni l-ewwel niġborlu s-siġġijiet tan-naħa tar-Redentur, u qalli biex malli nara lil xi ħadd iqum nieħu s-siġġu.

Hekk bdejt nagħmel U.kollox mar ħarir, sokemm mar a l i ki^net qamet, u ħaddtilha s-siġġvi, iddeċidiet terġa toqgbod vi*iet fi-art! I1-biċċa tapit xorta tahieli s-sagri stan... F'Radd Lażżru kont ngħall i il-kwadri tal-kn isja tiegîii b'bċċa vola. Il-knisja niċċa tiegħi la kellha koppla u lanqas karnpnar, iMn jiena kelli qanpiena waħda, u fuqha kont indoqq il-moti kollha skond il-qawwa tad-daqqiet li kont nagħti, vjkien ikolli festa sħiħa.

Meta bdejt nikber kelli l-vari tal-Ġimgħa l-Kbiru bħalta* L-Isla, l i kienu l-Ort, Marbut, Porpra, Veronika, Vara l-kbira, Monument u d-Duluri. Viċin tagħna kien joqgħod wieħed sinjur li kellu tifel ta'mpari l i kellu sett sbieħ u kbar. Danit-tifel, fir-randan, kien jagħmel proċessjoni bil-vari kollha barra fit-triq; dak iż-fcmien it-triq kienet tkun vojta, għax karrozza waħda kienet tidħol fiha, dikta*missieru stess. Kien jiġbor tfal oħrajn biex iqabbadhom imexxu l-vari, iżda tneta kont irnmur jien ma kienx iridni...1i1i dejjem Le;aktar kemm kont inħobb il-vari aktar kien iħossni miksur. Iżda jien kelli l-vari tiegħi (għalkemm mhux sbieħ daqs ta' Ġużeppi Bonanno). Jien anki kelli l-Ort bis-siġra, u tiegħu le...Jien ukoll kont nagħmel proċessjoni d-dar, ...kif? Il-vari tiegħi kienu fuq, għalhekk kont inniżżel il-vari t-taraġ waħda waħda, kultant kien jgħini ħija (Alla jaħfirlu), u kultant kien ikissirli xiwaħda ukoll, u wara li nirrabja kien ikolli nixtri oħra...jekk ikclli flus! Meta darba kont żgħir kont fis-sodda għax kelli xi 103 deni, bdejt nibki u nolfoq għax ridthom jixtruli Redentur l i kont rajt f'ħanut Strada Due Porte; xtrawhul i...(-bejnietna- kien vera magħmul ikrah!) ..iżda wara l ixtrawhuli bdejt infieq.

Dun Anġ rniet wara l i kien -i1u prepostu ta' San Filippu għal 46 sena, u sponewh fil-kunvent biex jistgħu jinvistawh in-nies. Billi kellu fama ta' qaddis u f'ħajtu kien għ-għamel ħafna ġid spiritwali, kienhemrn x inies l ippruvaw jeħdulu xi biċċa mill-libsa tiegħu bħala rikordju.... Kellu funeral kif kien jixraqlu.